KLR 12/VIII/2020

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju fil-17.00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Marcell Tabone, Charlie Hili u Maria Portelli u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- Il-membru Joseph Debrincat

Is-Sindku ta merħba lill-preżenti peress li din hi l-ewwel laqgħa li mhix qed issir b'mod virtwali wara x-xhur li l-pajjiż kien limitat minn diversi setturi minħabba l-Covid 19. Is-Sindku rrigrazzja lill-istaff li għamel minn kollox sabiex l-uffiċċju jibqa' miftuħ matul il-ħin kollu u hekk is-servizzi baqgħu jiġu offruti lill-pubbliku.

**12.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**12.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri :-

12.2.1 li bħalissa għaddej ix-xogħol tal-kisi bil-granit fl-isqaq numru 1 fi Triq Aġius De Soldanis.

12.2.2 li l-Kunsill reġa' applika biex jibbenefika mis-sejħa WiFi4EU;

12.2.3 rigward il-proġett *Slow Streets*. Tenna li ser isiru laqgħat ta' informazzjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. In prinċipju l-Kunsill jaqbel ma din l-iskema u għandu jerġa' jiddiskuti din il-materja wara li jingħata aktar tgħarif fuq il-proġett.

**12.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

12.3.1 id-Dipartiment għal Gvern Lokali, Direttiva 3/2020 – 'Revoka tad-Direttiva 2/2020'. Il-membri ddiskutew il-kwestjonarju relatat ma din id-direttiva li tirrigwardja l-laqgħat tal-Kunsilli Lokali li saru b'mod virtwali;

12.3.2 Caroline Camilleri minn 'Socal Care Standards Authority' rigward 'Taċ-Ċawla Active Ageing Centre'. Il-membri jaqblu in prinċipju u jridu jaraw eżatt xi spejjes hemm involuti qabel il-Kunsill jikkommetti ruħu.

12.3.3 ir-Reġjun Għawdex:-

i) fir-rigward tal-problemi li qed jiltaqgħu magħhom xi Kunsilli żgħar minħabba l-ġbir tal-iskart riċiklabbli. Il-membri qablu li l-Kunsill jagħti l-awtorizżazzjoni sabiex il-Kunsill Reġjonali filmkien mal-Assoċjazjoni Kunsilli Lokali, id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u l-Minsiteru għal Għawdex, jesploraw mekkaniżmu dwar kif il-ġbir ta' dan l-iskart isir mir-Reġjun;

ii) dwar proposta għall-offerti reġjonali għall-*Contracts Manager* u *Preventive and Routine Maintenance Contractor* li jkunu reponsabbli mid-dawl dekorattiv u dawl tat-toroq ieħor mixtri mill-Kunsilli. Saret diskussjoni qasira u l-membri qablu li din l-offerta m'għandiex tinħareġ konġunta ma kunsilli oħra. Dan minħabba l-fatt li fil-preżent meta jkun hemm rapport fuq ħsarat tad-dawl, il-Kunsill idum biex jinqeda.

12.3.4 Cynthia Saliba rigward proposta ta' aktar *Basketall pitches* f'Għawdex. Fir-Rabat hawn wieħed fil-kumpless sportiv tal-Gvern u ieħor fis-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu';

12.3.5 Franklin Grima sabiex juża area fil-*playing field* biex jorganizza *fitness classes*. Il-membri ma qablux li dan il-post għandu jintuża bħala reklam għal min jaqla l-flus minn dawn l-attivitajiet;

12.3.6 Marvic Gauci sabiex juża area fil-*playing field* sabiex jorganizza attivita' bl-isem *Gymfun*. Il-membri ma qablux li dan il-post għandu jintuża bħala reklam għal min jaqla l-flus minn dawn l-attivitajiet;

12.3.7 Patri Adeodato C. Schembri OSA li talab sabiex il-Kunsill jirranġa d-dawl li hemm fuq iz-zuntier tal-kunvent ta' Santu Wistin. Dan ix-xogħol mhux permess li jsir peress li jinsab fil-privat.

12.3.8 Tressqu dawn l-istejjem:-

i) mingħand il-Perit Edward Scerri fejn il-Kunsill kien talbu parir minħabba ż-żamma tal-ilma tax-xita fi Triq Ġużè Ellul Mercer. Il-Perit kien ta l-parir li biex tissolva din il-problema jrid isir proġett ta' *water culverts* fit-toroq it-Tabib Anton Tabone u Triq Santa Dminka minn naħa tal-Gvern Ċentrali. Il-Perit bagħat stima li turi li biex tissolva l-problema taż-żamma tal-ilma quddiem Anton Mizzi li joqgħod 'Il-Kenn', Triq Ġużè Ellul Mercer, trid titqaxxar parti mit-triq. L-istima titla għal €7,251.52. Il-membri qablu li dan ix-xogħol isir meta jkun hemm il-fondi allokati;

ii) mingħand il-Perit Mario Cordina fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li sabiex jinbidel il-madum ta' Triq l-Arċipriet Saver Cassar miċ-Ċentru tal-Katidral sa Triq San Ġorġ, ix-xogħol tat-tqegħid jitla' għal €26,095.70. Ser jintuża l-granit li kien fi Pjazza San Ġorġ. Il-membri qablu li tinħareġ offerta.

**12.4 Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) ħarġet permess għall-:-

12.4.1 *double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx 49, Triq Kerċem;

12.4.2 *double yellow lines* maż-żewġ naħħat tal-garaxx ta' 'Mulberry Avenue', Triq Manuel Dimech;

12.4.3 *keep clear* fil-bidu ta' Wied Karawendi fi Triq l-Ewropa;

12.4.4 parkeġġ riservat permanenti għall-persuni b'diżabilita' faċċata ta' 29, fi Triq Sir Luigi Camilleri.

Intalab il-permess għall-

12.4.5 żieda ta' toroq biex jiġu nklużi fiż-Żona tal-Perkeġġ Ikkontroallat. Minħabba li bdiet tinbena l-iskola primarja fi Triq Fortunato Mizzi l-parkeġġ ta' biswit l-Arcadia ingħalaq bil-konsegwenza li naqqsu ħafna parkeġġi.. Dawn it-toroq huma Karlu Galea, Universitas, Tal-Far, Kunsill Ċiviku, Universitas, Viani, Muniċipju Ruman u Pjazza J F Kennedy;

12.4.6 *un/loading parking bay* quddiem 'Fireplaces' fi Triq Ġorġ Borġ Olivier biex tkun tista' tersaq żewġ piedi 'l fuq biex ma tkun quddiem ebda' bieb ieħor dment li ma tnaqqassx parkeġġi eżistenti;

12.4.7 *un/loading parking bay* quddiem 'Peter Bugeja Fish Shop' fi Triq Enriko Mizzi;

12.4.8 *parking bays* fi Triq Santa Dminka minn Triq Manuel Dimech sa Triq Patri Anton Debono.

TM infuramt lill-Kunsill:-

12.4.9 rigward Triq Muniċipju Ruman. It-triq ma tistax tiġi ristretta għar-residenti biss peress li skont l-Awtorita' tal-Ippjanar din hija *schemed public road*;

12.4.10 li rrevediet is-suġġeriment ta' *crash barriers* quddiem 'Mariliana' fi Triq San Leonardu. TM qed tgħid li ser isiru numbru ta' *traffic calming measures* fit-triq;

12.4.11 li biswit l-i*store* ta' 'Madonna ta' Pinu' fi Triq Librerija kantuniera ma Triq Providenza diġa' hemm *no parking* u *no stopping signs* matul it-triq. Irid isir l-infurzar;

12.4.12 rigward talba sabiex issir *zebra crossing* fi Triq l-Ewropa. TM talbet il-veduti tal-Kunsill rigward *zebra crossing* qrib l-iskejjel sekondarji. Dawn kienu ntbagħtu permezz ta' emejl.

**12.5 Xogħlijiet tal-Kunsill**

Il-membri qablu li tinkesa bil-granit abjad parti li hi miksija bis-siment fi Triq San Ġorġ kantuniera ma Pjazza San Ġorġ.

**12.6 Proġett tal-bdil tad-dawl fiċ-ċentru tar-Rabat**

Is-Sindku ressaq proposta sabiex il-Kunsill japplika mad-*Development Planning Fund* fi ħdan l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex ikun jista' jinbidel id-dawl kollu taċ-Ċentru tar-Rabat inkluż Pjazza San Ġorġ. Il-membri qablu unanimament.

**12.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Ġunju 2020 skont dokumenti A anness.

**12.7 Xogħlijiet oħra**

12.7.1 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni fuq kontijiet li l-Kunsill qed jiċievi mingħand 'Gatt Group of Companies'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri permezz tal-emejl rigward dawn il-kontijiet li issa għaddew f'idejn il-Perit għall-veduti tiegħu. Il-membri qablu li fil-laqgħa li jmiss jiġi msejjaħ William Sultana li kien il-*Contracts Manager* tal-proġett tal-ERDF u anke' l-Perit Edward Scerri li kien il-Perit responsabbli mix-xogħol.

12.7.2 Tqajjem punt rigward il-problema ta' rimi ta' skart illegalment fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus* fejn hemm il-*bring-in site*. Il-membri ddiskutew din il-problema u qablu li jsiru CCTVs fuq il-*bring-in site*. Is-Sindku tenna li dawn iridu jsiru bħala deterrent u min jinqabad irid jitressaq fi żmien 24 siegħa. Sadanittant, il-LESA infurmat lill-Kunsill li bħalissa mhix qed toffri s-servizz ta' *green wardens*.

12.7.3 Il-membru Ħili ġibed l-attenzjoni fir-rigward tal-bini għoli li qed jitla' f'*areas* antiki tar-Rabat. Eżempju li ta kien ta' binja għolja mas-sitt sulari eżatt mal-mitħna li hemm fi Triq il-Mitħna. Tenna li l-Kunsill għandu jiġbed l-attenzzjoni sabiex meta jkun hemm applikazzjonijiet mal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn ikun hemm bini għoli li jkun ser jostakola binijiet antiki bħal m'hi din il-mitħna, għandu jkun hemm forma t'oġġezzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jkollu aktar riżorsi umani ta' nies tekniċi sabiex ikun jista' jsir dan. Ser tiġi esplorata possibilita' fejn applikazzjonijiet ta' aktar minn erba' sular jiġu nnutati.

12.7.4 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-membri li daħlu €825 mid-Dipartiment għal Gvern Lokali. Dawn ikopru l-fondi mitluba mill-Kunsill fir-rigward SPI 10/2019, ta' l-Iskema Finanzjarja Żvilupp ta' Libreriji Lokali f'Ċentri tal-Komunita'.

Il-membri qablu li:-

12.7.5 titranġa bankina miksura quddiem 17, Triq Sir Arturo Mercieca;

12.7.6 terġa' ssir *bollard* fissa fi Triq id-Dejqa wara li jitlesta l-post li bħalissa qed jitranġa u anke' wara li tinfetaħ Pjazza San Franġisk għat-traffiku;

12.7.7 tinxtara *photocopier* għall-użu tal-uffiċċju tal-kunsill minħabba li l-eżistenti m'għadiex taħdem kif suppost. Il-prezz tal-ġdida hu €631.30;

12.7.8 jinxtraw sitt kopji tal-ktieb "Il-Qilla tal-Gwerra fuq Għawdex 1940-1943" ta' Frank u Charles Bezzina.

**12.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fit-20:00 u laqgħa oħra ser issir nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Lulju, 2020, fil-17.00.

Josef Schembri
Sindku

Miriam Attard
Segretarju Eżekuttiv